MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 21/2007

**Grezzju Azzopardi**

**vs**

**Public Broadcasting Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Lulju, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“**<u>Introduzzjoni:</u>

Illi b' dikjarazzjoni prezentata fl-10 ta' Mejju tas-sena 2006, l-appellant talab lil dan it-Tribunal sabiex jinvestiga l-allegazzjoni tieghu illi ma kienx qed jithallas ugwalment ghax-xoghol li kien simili ghal ta' haddiehor. Da parti taghha s-socjeta` intimata allegat illi fl-ewwel lok id-dekadenza tat-terminu ghall-prezentata ta' l-istess lament u fit-

tieni lok illi una volta kien hemm l-istrutturazzjoni l-gdida fil-Public Service Broadcasting, l-appellant ma kellu l-ebda gustifikazzjoni li jillamenta.

Fatti

Jirrizulta illi l-appellant gie impjegat mis-socjeta` intimata b' ittra datata 15 ta' Lulju tas-sena 2004 bhala messenger/driver/handyman. Ir-responsabiltajiet/mansjonijiet tieghu huma indikati fl-appendix D tal-Collective Agreement iffirmat fl-24 ta' April tas-sena 2004 esibit fl-atti ta' din il-kwistjoni. Illi dan il-ftehim gie milqugh nhar is-Sibt 24 ta' April tas-sena 2004 bejn il-Gvern u l-Public Broadcasting Services Ltd u l-General Workers Union.

Il-lament ta' l-appellant kien illi nies ohra fl-istess grad tieghu kienu qeghdin jippercepixxu salarju aktar minn li kien qed jiehu huwa. Pero` dan huwa l-mertu tal-vertenza. It-Tribunal gie mitlub li jiddecidi dwar l-eccezzjoni preliminari ta' l-istess socjeta` intimata dwar t-trapass ta' erba' (4) xhur f' liema zmien l-appellant kellu l-obbligu jipprocedi quddiem dan it-Tribunal sabiex il-lament tieghu jigi investigat u okkorrendo trattat u deciz.

Konsiderazzjonijiet

Is-socjeta` intimata rrelevat din l-eccezzjoni a limine litis illi l-appellant mill-ewwel ippromwova l-lament tieghu f' Gunju tas-sena 2005. Huwa ppromwova l-odjerni proceduri kif ga inghad f' Mejju tas-sena 2006. Illi llum huwa dekadut mid-dritt tieghu f' dan it-Tribunal. Illi l-perjodu ta' erba' (4) xhur kif hemm indikat fl-artiklu 75 (3) tal-Kap 452 huwa wiehed ta' dekadenza u mhux wiehed ta' preskrizzjoni li jista' jigi interrott. Il-mens legis tal-legislatur kien wiehed illi kwalunkwe kaz ta' ksur u ta' drittijiet ghandu jigi investigat mill-ewwel u ma jhalli l-ebda zmien jghaddi

inutilment. Huwa fl-interess ta' l-istess appellant illi una volta ikun hemm ridazzjoni kontra tieghu huwa ghandu jiehu l-passi immedjatament halli minghajr ma jhalli l-kors taz-zmien jghaddi inutilment. L-istess ligi tuza l-kliem u mid-data effettiva ta' l-allegat ksur ta' l-obbligazzjoni imposta fuq l-principal.

Il-ligi tuza l-kliem "data effettiva" ghax jista' jkun illi l-impjegat ma jkollux konjizzjoni ta' l-istess entita ta' drittijiet tieghu. Kif diga inghad il-ftehim gie ffirmat f' April tas-sena 2004 u l-appellant gie impjegat b' ittra tas-16 ta' Lulju 2004. Fl-istess ittra tieghu mill-kumpanija ntimata rreferiet lill-appellant ghall-Collective Agreement sopra indikat. Li kellu jigi accetat f' dan l-ipotezi illi huwa sar jaf bil-pozizzjoni prekarja li kien fiha huwa f' Gunju tas-sena 2005, ma giet prezentata l-ebda gustifikazzjoni il ghaliex il-proceduri gew inizjati f' Mejju tas-sena 2006. Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkumplimentax ruhu ma' l-isforz maghmul mill-abili konsulent li kellu l-istess appellant li ta interpretazzjoni aktar vasta tas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha l-appellant u tal-konsegwenzi kontinwa taghha.

It-Tribunal ma jistax ma jaqbilx kif anki ssottometta qabel l-abili konsulent tas-socjeta` intimata illi minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu tal-kaz hekk in prima facie l-appellant kien qieghed isofri konsegwenzi b' mod mill-aktar irregolari. Pero` ghandu jinghad illi d-definizzjoni ta' kontinwita mhux dik applikabbli f' kampijiet legali ohra izda ghandha tigi limitata ghal dik in ezami.

Il-ligi trid illi kwalunkwe ksur ghandu jigi stronkat mill-ewwel, jigi investigat u f' ezitu pozittiv jinghata rimedju. Pero huwa fl-interess ta' l-istess impjegat illi jiehu dak il-passi necessarji entro termine, entro limiti stabbiliti mill-ligi illi dan jista' jigi attwat. Fin-nuqqas ta' azzjoni jew fl-ommissjoni ta' azzjoni da parti ta' l-appellant ma

> tistax tigi sanata anzi jinghad ukoll illi m'hijiex sanabbli f' dan is-sens. Issir referenza ghal sentenza Vincenti ta’ dan it-Tribunal fil-kas ta' Rampa Union vs Malta International Airport plc.
>
> Konkluzjoni
>
> Illi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi din il-vertenza billi jilqa’ l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata dwar d-dekadenza mit-terminu ta’ erba’ (4) xhur li fiha l-appellant kellu jippromwovi l-istanza odjerna. Ghal fini ta' l-artiklu 79 (2) ta' l-istess Kap 452 it-Tribunal qed jiffissa id-drittijiet fis-somma ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20) (€46.59).”

Appella minn din is-sentenza r-rikorrenti Grezzju Azzopardi bl-aggravju illi t-Tribunal Industrijali ma interpretax korrettement id-disposizzjonijiet tal-ligi li jghoddu fir-rigward tat-terminu ghall-proponiment ta’ l-ilment quddiemu. Koncizament, l-obbjezzjoni tieghu hi arginata fuq din il-bazi duplici:-

1. In bazi ghall-impostazzjoni tal-kaz tieghu fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 27 ta’ l-Att dwar l-Imjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, il-ksur lamentat minnu kellu jitqies ta’ natura kontinwata u, konsegwentement, it-terminu prevvist mil-ligi, ex-Artikolu 30 (1) u 75 (3), ghall-avviz lit-Tribunal ma kellux jibda jghaddi sakemm il-fatt diskriminatorju jibqa’ fis-sehh;

2. F’ kull kaz kien hemm il-fatt tal-konciljazzjoni mahsuba bil-Ftehim Kollettiv u li l-process taghha ntemm bl-ittra definittiva tas-socjeta` appellata datata 23 ta’ Frar, 2006;

Bir-rispett dovut, fuq l-ezami taghha tas-sentenza appellata, din il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-aspetti rilevanti ta’ l-aggravji sottomessi, u hekk dibattuti quddiem it-Tribunal, ma gewx imbaghad minn dan

approfonditi kif jixraq, lanqas b' dak il-minimu ta' sforz intellettwali u ta' analisi serja li l-problematika sottoposta lilu kienet hekk certament timmerita;

Kien altru milli kjarament ovvju illi, minn kif koncepit, l-ilment kien qed iponi quddiemu sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni in bazi ghall-allegazzjoni mill-appellanti illi hu ma kienx qed jircievi l-istess trattament ekonomiku korrispondenti ghall-prestazzjonijiet tieghu, pari ghal dik ta' haddiema ohra fl-istess klassi b' dawk l-istess prestazzjonijiet. Fi kliem iehor, l-appellanti kien qieghed jirrivendika d-dritt tutelat lilu mill-Artikolu 27 ta' l-Att imsemmi bl-iskop li ma jkomplix jircievi trattament anqas favorevoli minn dak ta' impjegati ohra fl-istess klassi ghal xoghol ta' valur ugwali;

Qaghda bhal din ghandha, ragonevolment, kontenut ta' indoli kontinwattiva sa kemm tibqa' tipperdura dik id-diskriminazzjoni u allura ma tistax ikollha rabta ma' xi zmien partikolari ta' ksur. Taht dan il-profil din l-istess qaghda hi ben distinta minn dik prospettata taht l-Artikolu 75 ta' l-Att billi hawnhekk ghandek sitwazzjoni ta' tkeccija ngusta u din necessarjament timplika illi d-data tal-licenzjament hi ben iffirmata f' mument specifiku ta' zmien. Huwa proprju ghalhekk li l-inciz (3) ta' l-imsemmi artikolu jitkellem fuq it-tehid ta' azzjoni fit-terminu statutorju prefiss "mid-data <u>effettiva</u> tal-ksur allegat". Invece, l-Artikolu 30 (1) jistipula, fil-kaz ta' ksur tal-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, zmien utili ghall-prezentata ta' l-ilment "mill-ksur allegat". Huwa sintomatiku f' materja ta' ksur bhal dan illi minn natura stess tieghu ma jistax jigi alleccjat ma' xi data effettiva in kwantu, jekk l-appellanti, kif allegat, ikompli jissubixxi l-istess trattament differenzjali u jissokta jircievi rata ta' rimunerazzjoni inferjuri ghal xoghol ta' valur ugwali, komparat ma' haddiema ohra fl-istess klassi, tali ksur ma jistax hlief jitqies wiehed li, kif kwalifikat mill-kazistika Ingliza citata mill-appellanti, huwa "*a continuing act*" perkorribbli matul id-durata ta' l-impjieg. Ara "**Barclays Bank plc -vs- Kapur and others**", 24 ta' Jannar 1991 (House of Lords, 2 AC 355, b' approvazzjoni

tas-sentenza tal-Employment Appeal Tribunal in re: “**Calder -vs- James Finlay**”, (1989, IRLR55);

Jekk dan mhux bizzejjed biex jikkonferma l-fondatezza ta’ l-obbjezzjoni, hemm imbaghad l-aspett, xejn inqas importanti, sollevat bit-tieni aggravju;

Jidher li ma jezisti ebda kuntrast illi l-partijiet ittantaw, permezz ta’ laqgha konciljattiva, li jeghlbu l-ostakolu ta’ bejniethom fuq il-punt kontrovertit. Tali laqgha kienet hekk possibbli, u anzi *di rigore* skond id-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv bejn il-kumpanija appellata u l-General Workers Union, esebit a fol. 31. Ta’ min jinnota li fuq dan il-punt it-Tribunal baqa’ ma kkummenta xejn, anke jekk dak l-istess Ftehim Kollettiv kellu jservih bhala kriterju ta’ gudizzju tar-rapport ta’ impjieg ta’ l-appellanti u ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni centrali disputata;

Dan premess, jibda biex jigi osservat illi kuntratt kollettiv ghandu jigi interpretat bl-adozzjoni ta’ dawk il-kanoni legali ta’ l-ermentewtika applikabbli ghal kuntratti in generali. F’ dan il-kaz jidher minn certi klawsoli tal-Ftehim Kollettiv illi kien fl-intenzjoni komuni tal-partijiet li ssottoskrivewh illi l-ilmenti personali kellhom jigu diskussi bil-mod deskritt fi Klawsola 9, tant li kien ipprojbit lill-impjegat li jiehu azzjoni industrijali minn rajh (Klawsola 11). Kif gja nghad, fil-kaz prezenti din id-diskussjoni hadet il-forma ta’ laqgha ta’ konciljazzjoni li l-ezitu taghha kien wiehed negattiv. Ara ittra ta’ l-Avukat tal-kumpanija appellata tat-23 ta’ Frar 2006, esebita fl-atti ta’ dan l-appell fuq invit tal-Qorti. Tinsorgi hawn il-kwesjtoni, salv dejjem dak espost aktar ‘il fuq, jekk, *dato ma non concesso,* illi l-ksur avvera f’ Gunju 2005, in-nuqqas ta’ osservanza da parti ta’ l-appellanti tal-prezentata tal-lanjanza tieghu lit-Tribunal fi zmien statutorju utli gabx ghalih it-telf tad-dritt ta’ azzjoni;

In meritu ghal dan il-kwezit jidher li l-Kodici ta' Procedura Civili Taljan irrizolva din il-kwestjoni b’ norma espressa

prevvista fl-artikolu 410 tieghu. Fiha, *inter alia*, jinghad illi "*la comunicazione della richiesta di espletamento del tentativo di conciliazione interrompe la prescrizione e sospende, per la durata del tentativo di conciliazione e per i venti giorni successivi alla sua conclusione, il decorso di ogni termine di decadenza*". Dan, s' intendi, ghal kaz fejn il-kuntratt ta' impjieg jew il-Ftehim Kollettiv ikun jahseb ghal tentativ obbligatorju ta' konciljazzjoni. Norma bhal din mhix espressament prevvista taht il-ligi specjali kostitwita mill-Kapitolu 452, izda din il-Qorti thoss li, ugwalment il-principju fiha jista' jigi applikat bir-rikorrenza ghall-principji generali tad-dritt fil-ligi komuni taghna, relattiva ghas-sospensjoni ta' l-azzjonijiet. B' mod partikolari, l-Artikolu 2125 tal-Kodici Civili. Kieku ma kienx hekk, il-klawsola konciljatorja, hekk fundamentali u necessarja ghal skop ta' armonija f' kuntratt ta' impjieg, tigi stultifikata u reza nullifikanti. *Multo magis*, imbaghad, fejn, bhal f' dan il-kaz, jidher mid-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv li jiddixxiplinaw il-materja, illi dik il-konciljazzjoni hi wahda obbligatorja fuq l-impjegat, bir-riskju illi jekk ma juzufruwix ruhu minnha jista' jsofri l-konsegwenzi ta' passi dixxiplinarji, li jistghu anke jwasslu ghal-licenzjament tieghu;

Jikkonsegwi illi ankorke l-ksur sehh f' data determinata, kien hemm il-kawza ta' sospensjoni kostitwita mit-tentattiv ta' konciljazzjoni u dan, fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti, kellu jgib dilazzjoni fid-data tad-dekorrenza tat-terminu dekadenzjali statutorju ghall-proponiment tal-vertenza tal-ksur allegat quddiem it-Tribunal. Dan ghal motiv illi kien biss fl-eghluq tal-fazi konciljatorja illi l-appellanti seta' ragonevolment u legittimament jipproponi t-talba gudizzjali tieghu.

Ghall-motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata. Tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal Industrijali ghal konsiderazzjoni u decizjoni tieghu fil-mertu tat-talba ta' l-appellanti u ta' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija appellata ghalih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------